



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9014/18

JEUN 60
MIGR 64
SOC 254
EDUC 162

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8301/18 REV2	JEUN 48 MIGR 51 SOC 213 EDUC 134
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea, adottati mill-Kunsill fit-3617-il laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea¹

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

1. Fil-kuntest politiku ta' din il-kwistjoni, kif deskritt fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.
2. Li waħda mill-erba' prijoritajiet globali tal-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-UE hija "Il-futur tal-Ewropa u ż-żgħażaġh - tkabbir ekonomiku u koeżjoni soċjali".

JIEĦU NOTA TA'

3. L-inizjattivi politiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea, bħall-Qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2010-2018), Erasmus +, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ u s-Sħubija taż-Żgħażaġħ mal-Kunsill tal-Ewropa, li juru l-approċċi differenti lejn il-bini ta' soċjetà fejn il-potenzjal taż-żgħażaġh kollha jiġi żviluppat u fejn huma jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu kemm bħala ċittadini f'soċjetà demokratika kif ukoll fil-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata tagħhom, irrispettivament mill-ambjent li jkunu ġejjin minnu.
4. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2017, fejn il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern stiednu lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex, fost l-oħrajn, "iżidu l-mobbiltà u l-iskambji" fl-UE.
5. Ir-rapport Annwali tal-2016 dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ġewwa l-UE li ġie ppubblikat f'Mejju 2017.

¹ ES daħħlet riżerva ġenerali ta' skrutinju dwar it-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill.

6. L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja sfidi demografiċi, parzjalment bħala riżultat ta' żieda fil-mobilità fi u bejn il-pajjiżi, popolazzjoni li qed tixjeh u minħabba instabbiltà reġjonali u l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika.
7. L-isfidi demografiċi jistgħu jaffettwaw b'mod partikolari liż-żgħażaġh. Bħalissa l-qgħad fost iż-żgħażaġh għadu konsiderevolment għoli² f'xi Stati Membri Ewropej, minkejja l-isforzi, bħall-istabbiliment tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li saru kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali biex tiġi indirizzata din il-problema. Iż-żgħażaġh jistgħu jiddeċiedu li jitolqu mir-reġjun tal-orijini tagħhom biex jistudjaw jew jaħdmu barra minn pajjiżhom, għal diversi raġunijiet bħall-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika, il-qgħad fost iż-żgħażaġh jew l-għażla personali tagħhom, biex ifittxu żvilupp personali u/jew professjonali aħjar.
8. Il-mobbiltà libera taż-żgħażaġh hija prinċipju fundamentali fl-Unjoni u strument ewlieni fil-promozzjoni tal-fehim reċiproku u s-sħubija, peress li jgħammar liż-żgħażaġh b'għarfien u ħiliet rilevanti li jistgħu jgħinuhom ikollhom fehim wiesa' tal-attitudnijiet diversi lejn il-ħajja u s-sitwazzjonijiet differenti li jistgħu jiffaċċjaw. Barra minn hekk, hija żżid ukoll il-fehim tal-valuri u l-identità Ewropej.
9. Huwa kruċjali li nkomplu nibnu fuq is-sħubija li diġà teżisti fost il-partijiet ikkonċernati fil-qasam taż-żgħażaġh u lil hinn, meta u fejn ikun possibbli, sabiex jitrawmu r-reżiljenza, il-bilanċ u l-ekwità fi ħdan l-Unjoni. F'dak il-kuntest, huwa importanti li jkomplu jiġu promossi l-valuri komuni Ewropej bħala l-prinċipju ewlieni biex titrawwem il-koeżjoni soċjali, u l-benessri taż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet.

² http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Unemployment_statistics

10. Il-mobbiltà taż-żgħażaġh hija sinifikanti għall-iżvilupp professjonali u personali tagħhom. Hija tappoġġa l-fehim interkulturali tagħhom u tespandi l-perċezzjoni taż-żgħażaġh sabiex ikunu jistgħu jgħixu f'soċjetà armonjuża u paritarja. Fl-istess ħin il-moviment liberu jista' jkollu impatt fil-pajjiż stess, bħal popolazzjoni żagħżuġha baxxa f'xi żoni rurali.
11. Il-mobbiltà fit-tagħlim tista' tkompli ssaħħa l-fehim taż-żgħażaġh dwar iċ-ċittadinanza attiva u s-solidarjetà, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, ir-rikonoxximent u r-rispett tagħhom għall-valuri demokratiċi u d-diversità kulturali u l-garanzija tagħhom tal-libertà tal-espressjoni u tat-twemmin, għalkemm l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għall-ħajja huwa essenzjali.
12. Irrispettivament minn jekk iż-żgħażaġh jiddeċidux li jibqgħu fil-pajjiż ospitanti jew imorru lura lejn ir-reġjun tal-orijini tagħhom, għandhom ikunu jistgħu jgħixu f'ambjent inklużiv, fejn jistgħu faċilment jikkontribwixxu għas-soċjetà bil-ħiliet il-ġodda li akkwistaw permezz tal-moviment liberu tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Dan jista' jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom u r-rwol attiv tagħhom fis-soċjetà li huma jiddeċiedu li jgħixu fiha.

JENFASIZZA LI

13. Il-gwida professjonali għandha rwol importanti fl-għajnuna liż-żgħażaġh biex jidentifikaw il-kompetenzi tagħhom u jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Huwa importanti li ż-żgħażaġh jiġu mġhammra b'ħiliet rilevanti, bħall-komunikazzjoni u l-ħiliet lingwistiċi u l-kompetenzi interkulturali, sabiex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom aktar faċilment fir-reġjun tal-orijini tagħhom jew fil-pajjiżi ospitanti. F'dan il-kuntest, il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija kruċjali bħala wieħed mill-istrumenti għall-iżvilupp ta' ħiliet tal-ħajja ewlenin meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, politiċi, soċjali u kulturali li jistgħu jirriżultaw minn aktar mobilità taż-żgħażaġh. Dan jista' jkollu wkoll impatt fuq l-aċċess tagħhom għal impjieg ta' kwalità, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva.
14. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh u t-tagħlim mhux formali u informali għandhom jgħinu liż-żgħażaġh jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom u jkunu ta' appoġġ għalihom biex jiksbu u jsostnu ħajja produttiva personali, soċjali u tax-xogħol li tagħtihom sodisfazzjon, irrispettivament minn jekk dawn iddeċidewx li jibqgħu fil-pajjiż ospitanti jew jerġgħux lura għar-reġjun tal-orijini tagħhom.
15. Aktar informazzjoni u data suffiċjenti dwar l-isfidi li qed jiffaċċaw iż-żgħażaġh bħala riżultat taż-żieda fil-mobbiltà tista' tgħin biex tinkiseb stampa aktar dettaljata taċ-ċirkostanzi.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

16. Jinkoraġġixxu sħubijiet u opportunitajiet transsettorjali sabiex jipprovdu, kif xieraq, inklużjoni effettiva u/jew l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-pajjiż ospitanti jew meta jirritornaw lura lejn pajjiżhom.
17. Irawmu l-kontribut tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-ħidma għal u maż-żgħażaġh fl-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja taż-żgħażaġh, inkluż kompetenzi ta' komunikazzjoni u lingwistiċi, biex jiffaċilita parteċipazzjoni aħjar tagħhom fil-ħajja ċivika u ċivili f'kuntest Ewropew.

18. Jikkunsidraw li jinkludu u jkomplu jespandu d-diskussjoni dwar l-impatt tal-isfidi demografiċi li qed jiffaċċaw iż-żgħażaġh fl-Unjoni.
19. Jgħinu ż-żoni żvantaġġati jsiru aktar attraenti, inkluż permezz ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni u impjieg u faċilitajiet u servizzi għaż-żgħażaġh.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI EWROPEA FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

20. Jiffaċilitaw l-aċċess u d-distribuzzjoni tad-data kif ukoll l-iskambju ta' prattiki tajbin meta jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi bħala konsegwenza tal-mobbiltà libera taż-żgħażaġh b'diversi mezzi, inkluż ir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, il-Wiki taż-Żgħażaġħ u mezzi u pjattaformi oħra stabbiliti.
21. Jikkunsidraw li jorganizzaw avveniment internazzjonali bejn Stati Membri interessati u partijiet oħrajn ikkonċernati biex ikompli jiġi esplorat l-impatt tal-isfidi demografiċi minħabba l-moviment liberu taż-żgħażaġh.
22. Jibqgħu jaħdmu flimkien biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni dwar dawn il-konklużjonijiet fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja dwar perspettivi strateġiċi għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh u lil hinn minnu.
23. Jgħinu ż-żoni żvantaġġati jsiru aktar attraenti, bl-użu tal-Fondi għall-Iżvilupp Reġjonali, fejn ikun xieraq.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

24. Teżamina l-possibbiltà li jitrawmu l-forom kollha ta' djalogu bejn iż-żgħażaġh li jgħixu barra r-reġjun tal-oriġini tagħhom kif ukoll maż-żgħażaġh minn pajjiżi ospitanti bl-appoġġ tan-netwerk internazzjonali taż-żgħażaġh, EURODESK madwar l-Unjoni Ewropea jew permezz ta' networks oħra stabbiliti.
 25. Iżżomm u tkompli tiżviluppa l-istadju preparatorju (inkluż it-taħriġ fil-lingwi u l-għarfien interkulturali) tal-programmi tal-UE għall-Mobbiltà għaż-żgħażaġh.
-

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill IFAKKAR b'mod partikolari f'dan li ġej:

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja - ĠU L 394, 2014
2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali - ĠU C 398, 2011
3. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh għall-iżvilupp, il-benessri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh - ĠU C 168, 2013
4. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali ta' żgħażaġh barra mill-impjieg, edukazzjoni, jew taħriġ - ĠU C 30, 2013
5. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-ħidma fost iż-żgħażaġh sabiex jiġu żgurati soċjetajiet koeżivi - ĠU C 170, 2015
6. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa - ĠU C 147, 2015
7. Ir-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-18) - ĠU C 41, 2009
8. Ir-Rapport annwali tal-2016 dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ġewwa l-UE li ġie ppubblikat f'Mejju 2017
9. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2017, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern - EUCO 19/1/17
10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għall-appoġġ liż-żgħażaġh fl-iżvilupp ta' hiliessenzjali għall-ħajja li jiffaċilitaw it-transizzjoni b'suċċess tagħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol – ĠU C 189, 2017
11. L-Aġenda Ġdida għall-Hiliessenzjali
12. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ - ĠU C 120, 2013